**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 TA' LULJU 2002**

**Avviz Nru 1571/00 DM**

**Vodafone Malta Ltd**

**vs**

**World Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il- kundanna tal-konvenuti ghal-hlas ta' somma ta' tlett mija u disgha u sebghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (Lm379.29) bilanc ta' somma ikbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mil-20 t'Ottubru 1998 sat-23 t' Awissu 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja bl-imghaxijiet legali bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux la biex jikkontestaw it-talba attrici lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija disgha u sebghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (Lm379.29) ghar-ragunijet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Novembru tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

MAGISTRAT

**S. Farrugia**
**Dep Reg**